MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tat-14 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 139/15LM

**1) Pierre Debono (356466M); 2) Paul Sammut (158380M); 3) Ivan Spiteri Lucas (142570M)**

**vs.**

**a) Awtorità għat-Trasport f'Malta; b) Central Cement Limited (C6108) u b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2015 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Ports Foremen Co-operative Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Frar, 2015 li bih l-atturi **Pierre Debono (356466M), Paul Sammut (158380M) u Ivan Spiteri Lucas (142570M)** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u għar-raġunijiet imfissra talbu li din il-Qorti:

*1) Illi r-rikorrenti huma 'Foremen' liċenzjati tax-Xatt bil-liċenzja maħruġa sal-aħħar tal-2015 u huma liċenzjati biss biex jaħdmu x-xogħol tas-Central Cement Limited li jinħatt fit-terminal operat minnhom iżda mingħajr restrizzjoni oħra;*

*2) Illi l-intimati Central Cement infurmaw lir-rikorrenti illi huma ġew infurmati illi jekk ikunu mqabbdin l-istess rikorrenti biex jagħmlu xogħol ta' "foremen" meta jkun hemm ħatt ta' merkanzija mhux konsistenti minn siment, il-port workers ma jagħtux servizzi u dan fuq direttiva tal-intimati Awtorità għat-Trasport f'Malta.*

*3) Illi din l-azzjoni mill-intimati ma għandha ebda bażi fid-dritt stante illi l-liċenzja maħruġa lir-rikorrenti ma fiha ebda restrizzjoni għajr illi (testwalment) "Din il-liċenzja hija valida biss għax-xogħol tal-port li jsir fit-terminal operat mis-Central Cement Limited".*

*4) Illi dan l-aġir da parti tal-intimati Awtorità għat-Trasport f'Malta (l-intimati Central Cement huma mħarrkin peress illi r-relazzjoni kummerċjali tar-rikorrenti hi magħhom iżda hu mifhum illi l-istess intimati Central Cement m'għandhomx wisq kontroll fuq is-sitwazzjoni) mhux leċitu fl-ambitu kummerċjali liberu li għandna ngħixu fih fl-2015 u wassal biex s'issa r-rikorrenti tilfu introjtu rigwardanti diversi vjaġġi u ser jitilfu aktar fil-futur jekk ma jingħatawx rimedju.*

*5) Illi dan l-aġir, li apparti mhuwiex leċitu, jikkostitwixxi nuqqas da parti tar-regolatur, Awtorità għat-Trasport f'Malta, li jassigura li ma jkunx hemm ksur ta' drittijiet, qiegħed iwassal biex l-esponenti jitilfu xogħol u introjtu kif ġja intqal.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu illi din l-Onor. Qorti:*

1. *tiddikjara illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom hu illegali;*
2. *tordna illi l-intimati jew min minnhom jiddesistu minn tali aġir;*
3. *tillikwida d-danni subiti mir-rikorrenti;*
4. *tordna l-ħlas ta' tali danni mill-intimati jew min minnhom in solidum lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta tas-soċjetà konvenuta **Central Cement Limited (C6108)** ippreżentata fis-16 ta' Marzu, 2015 (a fol. 16) li tgħid kif ġej:

1. *Illi it-talbiet in kwantu diretti lejha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż għas-segwenti raġunijiet:*
2. *Li waqt li tikkonferma li hi topera moll magħruf bħala Fuel Wharf ġewwa l-Marsa, li ma għandha ebda restrizzjoni fuq il-merkanzija li hi tista' tħott u li r-rikorrenti huma Port Foremen assenjati lis-soċjetà eċċipjenti, hi ma għandha l-ebda oġġezzjoni li tuża s-servizzi tar-rikorrenti, kif għamlet fil-passat għall-ħatt ta' merkanzija li ma tikkonsistiex f'siment jew prodotti tas-siment;*
3. *Li s-soċjetà eċċipjenti ġiet inibita milli tagħmel użu mis-servizzi tar-rikorrenti mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta meta ġiet mgħarfa li jekk ma tagħmilx użu mill-foremen tal-Ports Foremen Co-operative*

*Ltd, il-kumpannija Central Cement Limited ma tingħatax servizz ta' Port Workers biex iħottu l-merkanzija li ma tikkonsistix f'siment jew prodotti tas-siment;*

4. *Illi din it-theddida hija serja ħafna tant li s-soċjetà eċċipjenti, kontra l-fehma u l-volontà tagħha, kellha ċċedi għal dan ir-rikatt u minnufih bdiet tagħmel użu mill-foremen tal-Ports Foremen Cooperative Ltd għall-ħatt ta' merkanzija li ma kinitx tikkonsisti f'siment jew prodotti tas-siment u tuża lir-rikorrenti biss għall-ħatt ta' merkanzija konsistenti f'siment jew prodotti tas-siment;*

5. *Li s-soċjetà eċċipjenti m'għandhiex kontroll fuq is-sitwazzjoni u għalhekk dawn il-proċeduri fil-konfront tagħha ġew ippreżentati inutilment;*

6. *Li għar-raġunijiet suesposti s-soċjetà eċċipjenti ma għandhiex tbati l-ispejjeż għal dawn il-proċeduri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Awtorità għat-Traspost f'Malta** ippreżentata fis-16 ta' Marzu, 2015 (a fol. 22 sa 29 tal-proċess) u kkonfermata bil-ġurament minn Dr. Christopher Spiteri debitament awtorizzat, li tgħid kif ġej:

1. *Qabel xejn, l-atturi jeħtieġ li jispeċifikaw in-natura tal-kawża li huma intavolaw;*

2. *Preliminarjament, safejn din il-kawża tidher li qed tattakka direttiva tal-Awtorità esponenti, qed jiġi eċċepit in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma' dawn il-proċeduri, liema proċeduri kellhom*

*jiġu intavolati quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhux minnu illi l-Awtorità qiegħda taġixxi b'mod illeċitu kif qed jiġi allegat, iżda qiegħda biss twettaq id-doveri u teżerċita l-poteri tagħha skont il-liġi. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda mhux biss għax infondati iżda wkoll għaliex, partikolarment l-ewwel żewġ talbiet, huma mmirati sabiex ixekklu lill-Awtorità milli tuża d-diskrezzjoni tagħha skont il-liġi;*

4. *Illi wkoll, għar-raġunijiet imsemmija l-Awtorità ma hija responsabbli għal ebda ħlas ta' danni;*

5. *Illi, f'kull każ, l-atturi jeħtieġ li jindikaw u jippruvaw l-entità ta' danni li huma verament sofrew;*

6. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jidher li l-ilment tal-atturi huwa fis-sens illi huma qed jitilfu xogħol u introjtu illi, minflok, qegħdin igawdu minnu foremen oħrajn. Bħala fatt, il-bqija tal-foremen jaġixxu tramite entità jisimha Ports Foremen Cooperative Limited (Reg 95). Għalhekk jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li l-atturi ħaqqhom xi danni rappreżentanti telf ta' xogħol, hija l-imsemmija Kooperattiva li għandha tħallas lura kwalunkwe ammont li jista' jiġi ordnat minn din il-Qorti. Ikun għalhekk opportun li, għal skopijiet tal-integrità tal-ġudizzju, tissejjaħ fil-kawża l-imsemmijia Ports Foremen Cooperative Limited.*

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Marzu, 2015 (a fol. 51 tal-proċess) fejn ġiet imsejħa fil-kawża Ports Foreman Cooperative Limited (Reg 95).

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-imsejħa fil-kawża **Ports Foremen Cooperative Limited** (Reg 95) ippreżentata fil-15 ta' Mejju, 2015 (a fol. 88 sa 94 tal-proċess) u kkonfermata bil-ġurament minn George Portelli debitament awtorizzat, li tgħid kif ġej:

1. *Illi jirriżulta in ictu oculi illi l-atturi jonqsu milli jispeċifikaw in-natura tal-kawża li huma intavolaw u dana għar-raġuni li assolutament mhuwiex ċar mir-rikors promotur hijiex kawża ta' reviżjoni amministrattiva ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jew xi tip ieħor ta' proċedura.*

2. *Illi preliminarjament, l-eċċipjenti kjamata in kawża, mhijiex il-leġittimu kontradittur u għandha għaldaqstant tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi d-direttiva/deċiżjoni lamentata da parti tal-atturi (li hija ta' natura amministrattiva) u li fuqha hija msejsa din il-kawża ngħatat mill-Awtorità tat-Trasport f'Malta u mhux mill-eċċipjenti kjamata fil-kawża. L-eċċipjenti koperattiva m'għandhiex is-setgħa li tagħti tali direttiva/deċiżjoni u għaldaqstant tista' titqies estranea għat-talbiet attriċi.*

3. *Illi l-eċċipjenti, mingħajr preġudizzju għas-suespost, tirrileva wkoll li ma tistax titqies li tista' toffri ebda tip ta' rimedju għat-talbiet attriċi.*

4. *Illi preliminarjament ukoll, l-eċċipjenti umilment tirrileva n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' l-proċeduri odjerni u dan għaliex tali proċeduri kellhom jiġu ntavolati quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li d-*

*direttiva/deċiżjoni li qed tiġi attakkata hija waħda ta' natura amministrattiva.*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex se mai d-direttiva mogħtija da parti tal-Awtorità konvenuta hija waħda leċita li l-Awtorità, bħala suċċessur fil-jeddijiet u fir-responsabbiltajiet tal-Awtorità Marittima ta' Malta, għandha d-dover li tagħti u dan anke in vista tal-ftehim bejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ġja l-Malta Maritime Authority, u l-Koperattiva eċċipjenti.*

6. *Illi wkoll, għar-raġunijiet suesposti l-eċċipjenti ma tistax titqies responsabbli għal ħlas ta' danni meta t-telf ta' xogħol lamentat qiegħed jiġi kkaġunat minn direttiva maħruġa mill-Awtorità konvenuta.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-Rikors Maħluf u mar-Risposti Maħlufa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi u tal-konvenuti dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijet tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta u dwar l-ewwel u r-raba' eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited (Reg 95).

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel żewġ eċċezzjonijet tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta li huma identiċi għall-ewwel u r-raba' eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża il-koperattiva Ports Foremen Cooperative Limited.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ġunju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta u dwar ir-raba' eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited (Reg 95).

## Ikkunsidrat:

**__Il-kwistjoni bejn il-partijiet__**

Il-kawża odjerna ġiet miftuħa mill-atturi li huma tlett *foremen* tax-Xatt, li għandhom liċenzja maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità"), ai termini tal-Artikolu 5 tal-Ordinanza tal-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171). Skont l-istess liċenzja (a fol. 4 tal-proċess) "din il-liċenzja hi valida biss għal xogħol tal-port li jsir fit-terminal operat mis-Central Cement Limited".

Fir-Rikors Maħluf tagħhom, l-atturi jikkontendu li s-soċjetà konvenuta Central Cement Limited għarfithom illi hija kienet ġiet infurmata illi jekk hija tqabbad lill-atturi biex jagħmlu xogħol ta' *foremen* meta jkun hemm ħatt ta' merkanzija li ma tkunx tikkonsisti f'siment, il-*port workers* ma jagħtux servizz u dan fuq direttiva tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta.

L-atturi jikkontendu illi fil-liċenzja tagħhom maħruġa mill-Awtorità għad li fiha l-limitazzjoni li hija valida biss għal xogħol tal-port li jsir fit-terminal operat minn Central Cement Limited, ma fiha l-ebda limitazzjoni jew xi kundizzjoni oħra fis-sens li għandhom jaħdmu biss fuq ħatt ta' merkanzija li tikkonsisti f'siment jew prodotti ta' siment. Kemm l-atturi u anki s-soċjetà konvenuta jikkontendu li din ir-restrizzjoni fuq x'tip ta' merkanzija tista' tinħatt fi Fuel Wharf, il-Marsa, ma tirriżultax la mil-liċenzja tal-atturi u lanqas mill-kundizzjonijiet tal-konċessjoni li ngħatat Central Cement Limited biex topera minn Fuel Wharf, il-Marsa. Skont l-atturi din ir-restrizzjoni tal-Awtorità hija waħda illeċita u illegali. Skont is-soċjetà konvenuta Central Cement Limited dan l-aġir huwa "theddida serja ħafna" u jammonta għal "rikatt".

**<u>Riżultanzi</u>**

Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax jekk din id-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li tillimita x'tip ta' ħatt ta' merkanzija jista' jsir mill-atturi fi

Fuel Wharf, il-Marsa, ġietx ikkomunikata lill-atturi mill-istess Awtorità konvenuta.

Però minn ittra ta’ Transport Malta datata 23 ta’ Ottubru, 2014 mibgħuta lil Central Cement Limited (kopja ta’ liema ġiet esebita flimkien mar-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta Central Cement Limited a fol. 21 tal-proċess) jirriżulta li l-konvenuta Awtorità tat-Trasport f’Malta iddiriġiet lis-soċjetà konvenuta Central Cement Limited biex b’effett mill-1 ta’ Novembru, 2014 it-tlett *foremen* (l-atturi) assenjati ma’ Central Cement Limited fi Fuel Wharf, il-Marsa kellhom jiġu ngaġġjati biss “in the handling of vessels loaded with cement and cement based products”. Madankollu f’din l-ittra ma jingħadx illi jekk l-atturi jitqabbdu minn Central Cement Limited fuq xogħol ta’ ħatt ta’ merkanzija li ma tkunx tikkonsisti f’siment jew prodotti tas-siment, il-*port workers* ma kienux se jagħtu s-servizz tagħhom u wisq inqas illi dan kien qiegħed iseħħ fuq xi direttiva tal-Awtorità.

Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax minfejn eżattament oriġinat din “it-theddida” jekk hux mis-soċjetà msejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited jew mill-Awtorità. L-unika ħaġa li tirriżulta mill-atti tal-kawża kienet li din id-deċiżjoni allegatament ġiet ikkomunikata lis-soċjetà konvenuta Central Cement Limited permezz ta’ telefonata ta’ ċertu George Ciantar wara li dan ikkonsulta mal-Avukat Robert Vassallo (ara l-ittra datata 25 ta’ Novembru, 2014 tal-Avukat Peter Fenech liċ-Chairman tal-Awtorità James Piscopo u li ġiet

esebita mar-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta Central Cement Limited u li tinsab a fol. 20 tal-proċess).

**L-eċċezzjonijiet preliminari**

Din il-Qorti sejra tibda biex tittrata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità dwar it-Trasport f'Malta u l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited, liema eċċezzjonijiet huma tista' tgħid identiċi.

Permezz ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ġie eċċepit illi l-atturi jeħtieġ li jispeċifikaw in-natura tal-kawża li huma intavolaw.

L-atturi speċifikaw waqt is-smigħ tal-kawża illi bl-azzjoni tagħhom qegħdin jikkontestaw il-legalità tal-aġir tal-konvenuti jew min minnhom, jekk dan huwiex leċitu fl-ambitu kummerċjali liberu fil-ġurnata tal-lum, u jsostnu illi biex jiġi stabbilit jekk dan huwiex każ ta' riżarċiment ta' azzjoni amministrattiva jew le, għandu jirriżulta wara l-kunsiderazzjoni tal-mertu u meta jiġi deċiż jekk u minn min eżattament twettaq dan l-aġir peress li ġew imħarrkin ukoll konvenuti oħrajn li żgur ma jwettqux atti amministrattivi.

Huwa proprju minħabba l-fatt li ġew imħarrkin biex iwieġbu għat-talbiet attriċi entità pubblika bħal m'hija l-Awtorità u entità privata bħal m'hija s-soċjetà konvenuta Central Cement Limited li l-atturi qegħdin isostnu li l-azzjoni

tagħhom hija waħda *sui generis* u mhijiex imsejsa fuq xi artikolu speċifiku tal-liġi.

Fir-Risposta Maħlufa tagħha l-Awtorità tat-Trasport f'Malta talbet is-sejħa fil-kawża tas-soċjetà Ports Foremen Cooperative Limited biex f'każ li din il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ħaqqhom xi danni bħala telf ta' xogħol, għandha tkun din il-koperattiva li tiġi obbligata tħallas kwalunkwe ammont li jista' jiġi ordnat minn din il-Qorti bħala danni.

It-talba tal-Awtorità għas-sejħa fil-kawża ta' Ports Foremen Cooperative Limited tikkonferma illi l-aġir li qed jiġi kkontestat mill-atturi permezz ta' din il-kawża finalment tista' tinżamm responsabbli għalih entità privata li żgur ma twettaqx atti ammistrattivi. Proprju minħabba f'hekk l-azzjoni tal-konvenuti għandha titqies bħala waħda *sui generis* u mhijiex rikonduċibbli taħt xi artikolu partikolari tal-liġi, la taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas taħt il-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Awtorità ma tistax min-naħa ssostni li l-azzjoni tal-atturi m'hija xejn ħlief kawża ta' reviżjoni amministrattiva taħt l-Artikolu 469A u fl-istess ħin issostni, anki jekk sussidarjament, illi f'każ li l-Qorti tikkonkludi li l-atturi għandhom jingħataw xi danni, għandha tkun entità privata, Ports Foremen Cooperative Limited li tħallas dawn id-danni.

In vista tal-ispjegazzjoni mogħtija mill-atturi dwar in-natura tal-kawża tagħhom, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta u l-ewwel eċċezzjoni ta' Ports Foremen Cooperative Limited għandhom jitqiesu illi ġew sorvolati.

Din il-Qorti issa se tgħaddi biex tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità li hija tista' tgħid identika għar-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà msejjħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited, fejn ġiet rilevata n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma' l-proċeduri odjerni u dan għaliex tali proċeduri kellhom jiġu ntavolati quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ai termini tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li deċiżjoni li qed tiġi attakkata hija waħda ta' natura amministrattiva.

F'dan l-istadju bikri tal-kawża ċertament li ma jistax jiġi stabbilit ta' min mill-imħarrkin kienet eżattament id-deċiżjoni li minnha qegħdin jillamentaw l-atturi, u ċjoè jekk l-atturi jingħataw xogħol ta' ħatt ta' merkanzija minn Central Cement Limited li ma tkunx tikkonsisti f'siment jew prodotti tas-siment, il-port workers ma kienux ser jagħtu s-servizzi tagħhom.

Il-fatt li l-Awtorità stess talbet is-sejħa fil-kawża ta' Ports Foremen Cooperative Limited biex f'każ li l-Qorti tordna li l-atturi għandhom jitħallsu xi danni, dawn id-danni għandhom jitħallsu mis-soċjetà msejjħa fil-kawża, minnu nnifsu

jindika li l-aġir ikkontestat mill-atturi seta' kien konsegwenza mhux bilfors ta' xi att amministrattiv imma li seta' kien instigat minn interessi privati.

It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit taħt il-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta bl-iskop li jkun jista' jirrevedi atti amministrattivi[1], m'għandux kompetenza skont il-liġi biex jiddeċiedi fil-konfront ta' entitajiet privati.

Kif ġie kkonstatat mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-sentenza fl-ismijiet **Claudette Buttigieg et vs. Public Broadcasting Services Limited et**[2]

> *"Illi dan it-Tribunal huwa vestit bil-kompitu li jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.*
>
> *Illi fil-Kapitolu 490 (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva) nsibu illi "att amministrattiv" jinkludi s-segwenti u ċioè "l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenzja, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika."*
>
> *Min-naha l-ohra "amministrazzjoni pubblika" hija definita bhala "il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u d-Dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi".*

[1] Ara l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 490.
[2] Deċiża in parte fit-12 ta' Ġunju, 2014 mill-Maġistrat Charmaine Galea.

*Illi kif gie rilevat aktar 'il fuq, is-socjetà intimata DeeMedia.tv Ltd. hija soċjetà privata b'responsabbilità limitata. Kwindi dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni li l-istess socjetà ma tista' qatt tinkwadra ruħha fil-parametri tad-definizzjoni ta' "amministrazzjoni pubblika" taħt il-Kapitolu 490, liema Att gie promulgat proprju biex jirregola r-relazzjoni bejn l-individwi u l-Istat fis-sens enunċjat fl-istess definizzjoni stante li r-relazzjoni tar-rikorrenti u l-istess socjetà hija waħda purament privata.*

*Illi kwindi, s-socjetà intimata DeeMedia.tv għandha raġun teċċepixxi li dan it-Tribunal m'għandux kompetenza skont il-liġi jiddeċiedi fil-konfront tagħha u għaldaqstant qiegħed jilqa' t-tieni eċċezzjoni tagħha."*

Peress li l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hija waħda limitata għar-reviżjoni ta' atti amministrattivi maħruġa mill-amministrazzjoni pubblika, li kieku għas-saħħa tal-argument din il-kawża ġiet istitwita quddiem it-Tribunal, il-ġudizzju f'dik il-kawża ma seta' qatt ikun integru in vista tal-fatt li t-Tribunal skont il-liġi m'għandux il-kompetenza biex jiddeċiedi fir-rigward ta' entitajiet privati bħalma huma s-soċjetà konvenuta Cement Malta Limited bħala u s-soċjetà Ports Foremen Cooperative Limited.

Din il-Qorti tirrileva illi effettivament is-sejħa fil-kawża ta' Ports Foremen Cooperative intalbet mill-Awtorità konvenuta li qiegħda ssostni li din il-Qorti mhijiex kompetenti tisma' din il-kawża u huwa kompetenti jisma' din il-kawża t-Tribunal illi effettivament mhuwiex kompetenti jiddeċiedi fir-rigward tal-istess soċjetà imsejħa fil-kawża.

Għaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà imsejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited ma jistgħux jintlaqgħu u għandhom ikunu miċħuda.

## Decide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi taqta' u tiddeċiedi billi:**

**(1) tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta;**

**(2) tiċħad l-ewwel u r-raba' eċċezzjonijiet tas-soċjetà imsejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu nofs bin-nofs mill-konvenuta Awtorità dwar it-Trasport f'Malta u mis-soċjetà imsejħa fil-kawża Ports Foremen Cooperative Limited.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------